

Brussell, 1 ta' Marzu 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0052(COD)

---

---

7018/23  
ADD 1

TRANS 79  
JAI 248  
DAPIX 2  
ENFOPOL 93  
CODEC 286

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 127 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...] Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 127 final.

---

Mehmuż: SWD(2023) 127 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.3.2023  
SWD(2023) 127 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

[...]

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta'  
informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq**

{COM(2023) 126 final} - {SEC(2023) 351 final} - {SWD(2023) 126 final}

<b>Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv</b>
<b>Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq</b>
<b>A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni</b>
<b>X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?</b>
Il-valutazzjoni tal-impatt sabet li d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq ("id-Direttiva CBE") kellha impatt pożittiv fuq it-tneħħija tal-anonimità tal-persuni li wettqu reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq barra minn pajjiżhom billi żiedet b'mod impressjonanti l-għadd ta' każijiet transfruntieri investigati. Madankollu, ħarġu wkoll fid-dieher il-limitazzjonijiet tad-Direttiva peress li l-effett ta' deterrenza tagħha ma kienx biżżejjed biex jelimina l-impunità tal-awturi tar-reati, kemm minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tagħha, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u n-nuqqas ta' infurzar transfruntier tas-sanzjonijiet għal dawk ir-reati, li rriżultaw fil-ħlas ta' sehem baxx biss tal-penali finanzjarji mill-awturi tar-reati mhux residenti (fil-każijiet transfruntieri, kull sena ma jiġux infurzati aktar minn 6 miljun penali) u protezzjoni inadegwata tad-drittijiet fundamentali ta' dawk li mhumiex residenti.
<b>X'għandu jinkiseb?</b>
L-objettiv ġenerali tal-inizjattiva huwa t-titjib tas-sikurezza fit-toroq. Dan għandu jsir b'bidla fl-imġiba tas-sewwieqa mhux residenti, billi tonqos l-impunità li s-sewwieqa mhux residenti qed igawdu bħalissa. L-impunità titnaqqas permezz ta' investigazzjoni transfruntiera aħjar tar-reati relatati mas-sikurezza fit-toroq (jiġifieri jekk tiżdied il-probabbiltà li l-awturi tar-reati mhux residenti jiġu identifikati u li l-penali finanzjarja tiġi infurzata). Fl-istess ħin, il-persuni mhux residenti jirċievu l-ittri informattivi/avviżi tal-penali b'lingwa li jifhemu, f'limitu taż-żmien raġonevoli u f'forma li tippermetti faċilment il-verifika tal-awtentiċità.
<b>X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?</b>
Fin-nuqqas ta' azzjoni tal-UE, l-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq ikollu jistrieħ fuq il-ftehimiet bilaterali u multilaterali eżistenti fis-seħħ. Din il-frammentazzjoni tal-ftehimiet bejn l-Istati Membri ma tistax tiżgura trattament ugwali taċ-ċittadini tal-UE u, minħabba l-lakuni fil-kopertura, tkun inqas effettiva fl-eliminazzjoni tal-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti. Għalhekk, l-azzjoni tal-UE tkun aktar effettiva minn azzjoni mhux koordinata fil-livell tal-Istati Membri.
<b>B. Soluzzjonijiet</b>
<b>X'inhuma d-diversi għażliet sabiex jintlaħqu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?</b>
Il-miżuri ta' politika miżmuma ġew raggruppati fi tliet għażliet ta' politika, PO1, PO2 u PO3, li tnejn minnhom (PO2 u PO3) għandhom varjanti (PO2A u PO3A, rispettivament). PO1 hija l-bażi għall-għażliet ta' politika l-oħra kollha; tinkludi 11 mis-16-il miżura ta' politika li jkopru l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet tekniċi u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. PO2 tkopri l-miżuri kollha ta' PO1 u magħhom iżżid l-istabbiliment ta' proċeduri ta' segwitu speċifiċi għal investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq li tippermetti l-iskambju ta' aktar informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali minn sempliċiment <i>data</i> tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD). L-għażla ppreferuta, PO2A, tibni fuq PO2 u tinkludi d-dmir tad-detenturi/sidien tal-vetturi li jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-infurzar fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. PO3 tibni

fuq PO2A u magħha żżid l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' segwitu mfassal apposta – *lex specialis* – għar-rikonoxximent reċiproku tal-penali finanzjarji maħruġa għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq koperti mid-Direttiva CBE. Fl-aħħar nett, PO3A hija verżjoni aktar avvanzata ta' PO3 peress li tnaqqas ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent u għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-penali finanzjarji maħruġa minn Stati Membri oħra.

### **X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?**

Hemm appoġġ mifrux fost il-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE għal reati oħra tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Il-fehmiet tal-awtoritajiet pubbliċi rigward kif tista' tiżdied l-effettività tad-Direttiva jvarjaw. Kollha kemm huma huma favur miżuri li għandhom l-għan li jtejbju l-investigazzjoni transfruntiera tar-reati. Madankollu, xi wħud minnhom huma kritiċi fil-konfront ta' regoli speċifiċi (jiġifieri inqas ikkumplikati) għall-infurzar transfruntier ta' penali finanzjarji, filwaqt li oħrajn jiffavorixxu tali regoli speċifiċi, jiġifieri fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-penali finanzjarji għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa barra mill-pajjiż. L-organizzazzjonijiet tal-utenti tat-toroq għandhom fehmiet pożittivi ħafna rigward il-miżuri kollha li jgħinu biex titjeb il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni mhux residenti.

### **C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

#### **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

L-għażla ppreferuta titqies effettiva biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika maħsuba, tippreżenta benefiċċji netti kbar, hija koerenti internament, hija proporzjonata fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri tal-Istati Membri, u b'mod ġenerali hija l-aħjar f'termini ta' fattibilità politika u legali. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni 2025-2050, huwa stmat li se jiġu salvati 384 ħajja u li se jiġu evitati 21,789 korriment, meta mqabbel max-xenarju bażi li f'termini monetarji jammonta għal madwar EUR 2,8 biljun, espress bħala t-tnaqqis fil-kostijiet esterni tal-aċċidenti.

#### **X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

Il-kostijiet addizzjonali tal-infurzar għall-awtoritajiet tal-Istati Membri huma stmati għal EUR 136,8 miljun meta mqabbla max-xenarju bażi, espressi bħala valur attwali tul il-perjodu ta' valutazzjoni 2025-2050. Dawn jinkludu l-kostijiet ta' aġġustament ta' darba ta' EUR 4,6 miljun għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri (eż. biex jadattaw is-sistemi tal-IT).

#### **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?**

L-impatti fuq l-SMEs huma mistennija li jkunu pożittivi, iżda indiretti u limitati. Il-proposta għandha twassal għal tnaqqis fil-kostijiet għall-utenti tat-toroq minħabba protezzjoni aħjar tad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, huwa previst tnaqqis ta' madwar EUR 7 miljun fil-kostijiet amministrattivi tal-kumpaniji tal-lokazzjoni u l-kiri tal-karozzi meta mqabbel max-xenarju bażi, espressi bħala valur attwali tul il-perjodu ta' valutazzjoni 2025-2050.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

L-għażla ta' politika ppreferuta hija vvalutata li tirriżulta f'kostijiet addizzjonali tal-infurzar imġarrba mill-investigazzjoni aktar effettiva tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Dawn il-kostijiet huma stmati għal EUR 132,2 miljun meta mqabbla max-xenarju bażi, espressi bħala valur attwali tul il-perjodu ta' valutazzjoni 2025-2050.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?**

Ma huwa previst l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

### **Proporzjonalità**

L-għażla ta' politika ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi u

biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.

#### **D. Segwitu**

##### **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

L-Istati Membri jibagħtu l-ewwel rapport tagħhom lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva CBE sa erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Il-Kummissjoni tivvaluta l-applikazzjoni tad-Direttiva mhux aktar tard minn 18-il xahar wara li tirċievi l-ewwel rapporti mingħand l-Istati Membri kollha.